MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 982/2009

**Ignazio Anastasi Limited (C-497)**
**Vs**
**Rita Maggi (K.I. 84703L)**
**ezercenti n-negozju Home n Away**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' tliet elef, erba' mija disgha u erbghin ewro u sittin centezmu (€3,449.60) rapprezentanti valur ta' merca mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenuta.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li l-konvenuta naqset milli tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tat-12 ta’ Lulju, 2010 mill-Avukat Dr. Veronique Dalli.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**Av. Dr. Maria Karlsson, LL.D.**
**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------